# IN-NISA MELLIĦIN

## Alfred Vella

Fil-ħajja ta’ raħal bħall-Mellieħa, in-nisa raw bidla kbira għaddejja ma’ tul l-aħħar seklu. Il-mara li tiżżewweġ tintrabat mad-destin ta’ żewġha u hawnhekk donnhom jitilgħu fuq vapur li jitlaq għal vjaġġ ta’ avventura. Hemm il-bnazzi u l-maltemp li jridu jissaportu flimien, ibenġlu u jwittu kemm jista’ jkun is-sitwazzjonijiet li jinqalgħu biex ħadd minnhom ma jiġi taħt il-piż.

Il-ħajja, fil-bidu tal-millenju l-ġdid, hija tqila, li riedet tintrefa’ minn żewġ qarnuniet biex il-familja tieħu l-kors tagħha. Ma tistax, u qiegħed ikun diffiċli, fil-preżent, li l-mara tibqa’ liebta d-dar, tieħu ħsieb l-ulied, iżżomm id-dar nadifa, tlesti l-ikel u tbiddel għal x’ħin jiġi r-raġel. Iktar ma għadda ż-żmien, iktar ġew forzi li mbuttaw lil mara ’l barra mid-dar. Ma kinux l-esiġenzi weħidhom. Kien hemm l-investiment fil-mara li ma riedx jitħalla jintilef. Mara ta’ professjoni, mara ta’ skola, mara ta’ sengħa, mara b’kapaċitajiet, mara b’esperjenza ma tistennihiex tieqaf. Naturalment hemm konflitt bejn is-sejħa ta’ omm u l-karriera. U l-impenn dejjem idur fil-moħħ u jsir kemm-il tentattiv biex tinstab soluzzjoni u jitfasslu programmi biex l-ulied ma jitilgħux privi mill-imħabba u l-attenzjoni ta’ l-omm u l-missier. Fid-dinja ma tistax tkun kollox, kienet esprimiet Grace Kelly, artista ta’ fama li għażlet li tħalli l-karriera ta’ attriċi, li kienet verament tippromettі, biex taqdi l-vokazzjoni ta’ omm u prinċipessa ta’ Monaco.

Fil-Mellieħa, sa l-erbgħinijiet ma kellniex familji jimbuttaw lil bniet tagħhom biex jibqgħu imorru fi Skola Sekondarja. Sal-gwerra kellna dawk it-tliet nisa għalliema mill-Mellieħa. Imbagħad żewġ tfajliet li saru għalliema fl-aħħar snin tal-erbgħinijiet. Bdew jiżdiedu l-istudenti fl-iskejjel sekondarji iżda riedu jiġu s-snin sittin biex ikollna numru ta’ bniet impjegati fis-settur pubbliku, l-aktar bħala għalliema u nfermiera. Illum wasalna biex għandna numru ta’ bniet fl-Universita’ li jispiċċaw bi professjoni. Tifla trid tkompli daqs tifel u l-ebda professjoni ma hi meqjusa esklussiva għas-subien. L-opportunijtajiet kibru u kull tifla sa ssib xogħol addattat għaliha. Bl-iskola sekondarja għal kulħadd l-ebda tifla mhi ser tħalli l-iskola qabel ikollha dawk is-sittax-il sena. Hemm iktar ħajra għall-iskola minn qabel u hemm aktar mezzi għal dawk li tassew iridu jkomplu jitgħallmu fis-setturi li jagħżlu.

Dan kollu għen biex it-tfajla ikollha x-xogħol u titlaq mid-dar kull fil-għodu. Tħosshá iktar kunfidenti u indipendenti u dan ġab miegħu bidla kbira fil-ħajja tal-familja kif ukoll fis-soċjeta’. Id-drittijiet tat-tfal qegħdin hemm biex jiġu rrispettati u l-ġenituri Mellliħin juru ħerqa kbira u interess biex uliedhom, bniet u subien ikomplu dik l-edukazzjoni terzjarja. Il-finanzi ma jidħrux li qegħdin ikunu problema. Iktar il-mod ta’ indipendenza li qegħda turi t-tifla f’dik li hi mentalita’ ta’ valuri u stili ta’ ħajja li qiegħed iġib tħassib f’moħħ il-ġenituri. Il-maturita’ u l-esperjenza, li ġarrbet konsegwenzi xejn sbieħ, ma tistax ma turix il-periklu ta’ toroq fil-baħħ, ta’ użanzi, ta’ libertinaġġ, ta’ vojt ta’ twemmin, ta’ raġunar nieqes minn ħafna sens. Huwa veru li dejjem hemm distanza bejn il-ġenituri u t-tifla iżda llum l-ġenituri m’għadhomx dawk maqtugħin fix-xogħol tar-raba’ iżolati mis-soċjeta’ li kellhom xorti jafu jaqraw u jiktbu. L-ommijiet u missirijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom jafu sewwa x’qiegħed jiġri fid-dinja u mhumiex bogħod mill-ħajja ta’ wliedhom avolja qegħdin l-Universita’, jew x’xi istitut tekniku ikomplu l-istudju.

Meta l-biċċa tiġi sewwa, kollox sewwa, jintesa kollox u bil-kemm ma jkunx ħareġ ta’ ħmar kulħadd, qassis, għalliem, in-nanna u n-nannu li jkunu wissew u wrew tħassib. Meta l-biċċa tmur żmerċ jiġi kollox lura għand il-ġenituri biex issir l-opra tas-salvataġġ b’obbligazzjoni minn naħa ta’ dawk in-naħat li wissew u beżgħu, biex jgħinu. Wissew għax iħobbu u la jħobbu jkollhom jgħinu fil-mumenti diffiċli. Fil-Mellieħa, il-familja, fil-bidu ta’ dan il-millenju, għaddejja minn żminijiet li xejn ma huma ħfief. Il-prosperita’ tat ħafna kuraġġ lil kull wieħed biex ikollu personalita’ u liż-żagħżugħa, din l-istima fiha innifisha mhix dejjem qegħda tkun imħarsa b’responsabbilta’. Iż-żmien, bil-mezzi li hawn, jaf qiegħed ikun fattur biex jimbotta iżjed milli jmissu biex it-tfulija tkun iqsar ħafna milli jmissha. U hekk sa jkollok dawk il-ġganti b’moħħ ta’ fellus li ma jlaħħaqx jara kollox b’dawk l-għajnejn miftuħa.

Min għandu ’l fuq minn sittin sena ra dan l-iżvilupp li minnu għaddiet il-mara Mellieħija meta niesna kienu aktar miġbura, moħħhom fir-raba’, fit-trobbija tal-annimali, f’xogħlijiet li jsiru d-dar. Ir-raba’ jrid in-nies u fejn il-missier kien fir-raba’, il-familja kellha tintrabat f’dan ix-xogħol. L-omm ikollha toħroġ mal-missier, it-tifla jkollha tmidd idha ukoll iżda dejjem f’dak l-ambjent familjari. In-nuqqas ta’ opportunitajiet kienet ukoll trekken liż-żagħżugħa biex tibqa’ hemm madwar missierha. Dawn it-tfajliet kienu wkoll ibatu mill-mentalita’ taż-żmien li ma jitħallewx imorru jaħdmu fej ġie ġie, ’l barra qalb nies li ma jafuhomx. Kienu jaslu sa seftura għand xi familja rrakomandata minn xi persuna tal-affari tagħha.

Fid-djar ma kinux joqogħdu kwieti. Riduhom jitgħallmu punt ħjata u anke jsiru ħajjata għax dak xogħol li jista’ jsir id-dar. Riduhom bieżla lesti għal kull xogħol fir-raba’, fid-dar, għand iz-zijiet u nanniet. Kienu jaħdmu, forsi jinsġu jew idoqqu l-qoton, iġorru l-ħatab fuq rashom, jgħinu fuq il-qigħan, iqassmu t-tin fis-sajf, jaħslu u jgħallu l-ħwejjeġ, iżommu l-annimali, iħitu u jraqqgħu. Flus ma jaraw qatt. Forsi z-zija tixtrilhom ħajta deheb meta tiżżewweġ u ommhom tagħtihom id-dota. Iżda kien ikun ħaqqhom. Il-familji kienu jħossuhom obbligati lejn xulxin u t-tifla kienet tagħmel tajjeb għal dan kollu. Id-dinja kienet magħkusa ħafna biex tifla u xebba tibqa’ tobdi u taqdi daqshekk bla ħlas.

Iżda ż-żmien beda għaddej fl-aħħar ħamsin sena. Ma setgħetx il-ħajja tibqa’ sejra hekk b’xebba tibqa’ d-dar tieħu ħsieb ommha u missierha xjuħ u forsi ħutha bla ma jkollha dak id-dħul regolari. Il-ħajja bdiet titlob aktar sigurta’, aktar dħul fix-xahar u fis-sod. Il-ħajja riedet flus fl-idejn għal aktar kumditajiet, għal aktar ħtiġijiet personali, għal aktar indipendenza, għal aktar programmi ta’ ħajja. Beda jidher aktar x’hemm għal min irid jilbes, jiddeverti, isiefer, jieħu ħsieb persuntu, jgħix ħajja aktar sħiħa. U għal dan kien hemm bżonn l-edukazzjoni kif ukoll il-flus li l-familji ma setgħux jipprovdu.

Min kien se jiżżewweġ kellu jdabbar rasu bla ma toqgħod tqis jekk ommha setgħetx tlaħħaq max-xogħol tad-dar. Hemm imbagħad tibda tisħet il-mument li ma komplietx l-iskola kif kien qaltilha s-sinjora. Għax kien hawn ħafna tfal li jippromettu u l-għalliema bagħtu għall-ġenituri biex ikomplulhom l-iskola. Iżda ż-żmien u l-mentalita’ ma kinux f’dik id-direzzjoni. Semmejt żewġ tfajliet li saru għalliema hekk kif spiċċat il-gwerra. Missirijiethom kienu ġew mis-safar. Kienu laħqu tgħallmu x’issarraf l-iskola u bil-ftit li ġabu ħassewhom li setgħu iżommu lil uliedhom fuq l-istudju. Ta’ min josserva li dawn it-tfajliet għalliema saru. Ma nafx il-ġenituri ippermettewx li binthom issir skrivana. L-għalliema nisa kienu sa jkunu fi skejjel ma’ nisa għalliema oħra biss, fejn kien hemm dixxiplina stretta fl-ilbies u fil-post.

Fl-aħħar erbgħin sena tas-seklu għoxrin, hekk kif tifla tispiċċa mill-iskola, trid issib fejn taħdem u fejn taħdem issib. Ġew żmenijiet iebsin fit-tmeninijiet iżda t-turiżmu fetaħ ħafna bibien. In-nisa għadhom igergru li jridu jirrispondu mistoqsijiet dwar il-qagħda tagħhom iktar mill-irġiel iżda saru jgawdu daqs l-irġiel f'dawk li huma pagi u kundizzjonijiet għall-istess xogħol. Bir-raġun li jkun hemm ħlas għall-istess xogħol. Iżda min jimpjiega, fis-settur privat, għadu jara lill-mara miżżewġa bħala impjegata li sa tiġih iżjed barra fatturi li jridu jitqiesu. Din l-għamla ta' diskriminazzjoni, in-nisa ma togħġobhomx u qegħdin jitħabtu biex ineħħuha.

Minn wara s-snin tal-indipendenza, l-opportunitajiet f'dawk li huma xogħlijiet tjiebu ħafna sġeċjalment fin-naħat tagħna. Malta kienet qegħda tara li t-turiżmu għandu jservi ta' wieħed mill-pilastri tal-ekonomija Maltija. Ma konniex ippreparati iżda l-Ingliżi bdew ġejjin u beda jogħġobhom kollox. Konna ħafna rħas u l-ftit lukandi li kien hawn madwarna bħar-Ramla Bay, Paradise Bay, Sea Bank u r-restoranti bħat-Tunny Net, l-Arches, riedu n-nies, tfajliet u żgħażagħ biex iseftru. L-iżvilupp f'Santa Maria Estate, fejn konna nsejħulha Għajn lejtuna, ġab ħafna barranin, jitkellmu bl-Ingliż, biex jgħixu hemm fil-vilel. Dawn riedu s-seftura. U riedu s-sefturi dawk li kellhom l-appartamenti biex iżommuhom nodfa meta jkunu sa jidħlulhom in-nies. It-tfajla Mellieħija bdiet tara prospetti ta' qligħ mill-istess lokal bla ma jkollha toħroġ 'il barra. Fl-istess ħin il-fabbriki riedu ukoll in-nies u meta jinħoloq ix-xogħol tiskanta kif kulħadd ikollu bżonn l-impjegati f'kemm-il settur.

L-edukazzjoni bdiet issa tidher li tista' tgħin lit-tfajla biex tavvanza, issib post fis-settur pubbliku, u anke mal-privat li issa beda jkabbar l-investiment tiegħu.

Fl-aħħar tas-sittinijiet kien hemm dak il-'boom', żmien ta' flus fl-idejn li ħoloq kummerċ bil-prospetti li nħolqu. In-nisa Mellħin ħassewh f'kemm-il aspett. Ir-raġel sar jaqla' sold wara l-ħin u t-tfal bdew jaqbdu jaħdmu hekk kif jispiċċaw mill-iskola. L-istess mara li forsi qabel qatt ma ħolmot li taħdem bdiet issib min jinkorraġiha biex tmur tnaddaf żewġ appartamenti jew villa ta' Ingliża, tgħin f'restorant jew timpjiega ruħha biex tkun tista' tgħin lit-tfal li sa jiżżewġu, jew biex tibgħat lil uliedha fi skejjel privati u anke tkomplihom għal dik l-edukazzjoni terzjarja. L-omm dejjem għandha u ssib skop għalfejn titħabat. Fit-tmenijiet il-Gvern beda anke jibqa' jżomm lill-impjegati nisa miżżewġa miegħu. Dan kien avvanz kbir għax qabel Malta ma setgħetx iżżommhom u tħalli lill-irġiel, kapijiet ta' familja bla ma jsibu fejn jaħdmu.

Id-dinja tax-xogħol kienet infetħet ħafna u fid-disgħinijiet kien hemm bħal insistenza min-naħa tal-Gvern li iktar ma n-nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol iktar ikun jiswa għall-ekonomija ta' Malta. Il-Knisja ma kienx qiegħed jogħġobha din il-mentalita' ta' omm li tħalli d-dar biex taħdem. Iżda ż-żmien jagħfas ħafna biex issir bidla fil-ħsieb iktar u iktar meta daħal is-sens tas-self biex jinxtraw u jinbnew djar. Il-livell tal-ħajja beda jogħla iżda l-flus kellhom jiġu minn x'imkien. Il-mara Mellieħija bdiet turi iktar interess fin-negozju, u fix-xogħlijiet li kienu nħolqu. It-turiżmu ġabha f'kuntatt mal-mara Ingliża li kienet taħdem f'pajjiżha biex tlaħħaq mal-familja u anke tgawdi il-vaganzi. Beda jidher kif wieħed jista' jgawdi bl-ilbies, bid-*discos*, bl-ikel fir-ristoranti, bix-xows, u fuq kollox bil-kura ta' persunthom.

It-turisti sejrin fil-għaxija fir-restoranti, b'dak l-ilbies eleganti kif kienu jidhru fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet, kien isaħħar lit-tfajla Mellieħija. Fit-tletinijiet kienu jħobbu jmorru għal Santa Marija tal-Mosta biex jaraw il-moda u jfasslu imbagħad għall-festa tal-Vitorja. Issa kien biżżejjed tmur l-Għadira u tarahom dieħla t-Tunny Net, fil-għaxija, jew fil-bidu tal-Mellieħa, ħdejn ix-Chateauebrian jew il-Hilltop Restaurant.

Fit-tiġijiet beda jidher il-lussu fis-sebgħinijiet, lussu fl-ilbies, lussu fil-parenza, b'xagħar magħmul minn *hairdressers* u kollox irranġat kif imiss. It-tfajla Mellieħija bdiet taqra l-magażins u taf x'għandu jsir biex iżżomm persuntha b'saħħitha, b'dieti irrakomandati biex tkun dejjem preżentabbli bħal dik is-sinjura tal-villa li għall-eta' tagħha ma kenitx tidher li qabżet is-sittin. It-tfajla riedet lil ommha wkoll tidher sewwa u wasslitha għand il-*hairdresser* u l-*beautician* u geghlitha tixtri ħwejjeġ aktar addattati. F'kelma waħda kulħadd sar sabiħ u eleganti tant li l-istess Ingliżi li kienu residenti fil-Mellieħa bdew jistagħġbu u jikkummentaw dwar din il-kwalita' ta' lussu li beda jidher fis-swali tat-tieġ. In-nanna riedet tagħmel id-dieta biex il-libsa toqgħodilha aħjar u qagħdet tgawdi l-baħar. Ilbiesha ma baqax ikarkar u riedet toħroġ aktar mid-dar.

Il-ħajja saret iktar soċjevoli. L-okkażjonijiet kibru. Is-soċjetajiet fil-parroċċa żiedu ħafna fl-attivitajiet tagħhom u anke l-istess familja bdiet issib skuża biex tlaqqa' n-nies, il-qraba u l-ħbieb u jiċċelebraw flimkien. Il-lukandi u ristoranti ma baqgħux esklussivament għat-turisti iżda saru wkoll għan-nies tal-lokal f'għeluq il-ġimgħa. Id-dehra personali bdiet tkun ħaġa li l-mara trid tagħti kasha barra li issa kien hemm kas akbar tas-saħħa. Kien hemm attenzjoni akbar għal dak l-ikel li jista' jibdlek fl-istatura għalkemm kien malajr jiġi sfrattat b'xorb alkoħoliku u tipjip sa kemm kien hemm dik il-konvinzjoni meħtieġa għal dak is-sagrifiċċju ta' mixja u ħassa. It-tfajla bdiet tara l-vantaġġi fil-parteċipazzjoni ta' attivatijiet sprotivi u hekk bdejna naraw ritratti ta' timijiet tan-*netball* li l-Isports Club beda jinkoraġġixxi mis-sebgħinijiet. It-tfajliet mdorrija fl-iskejjel b'eżerċizzi fiżiċi riedu jkomplu jilagħbu il-*badminton*, it-*tennis*, in-*netball* u mhux dejjem sabu fejn. Il-ġenituri ma kinux għadhom jarawh ġenn dan l-interess. L-istess tabib tal-familja kien jirrakkomanda din l-attivita' biex it-tifla issir aktar soċjevoli, tibni l-ħbiberija, timla l-ħin liberu b'eżerċizzju u tagħti iktar skop lil ħajja tagħha. Barra dan, il-miġja tad-droga daħħlet aktar lill-ġenituri fis-sens biex ma jħallux lil uliedhom jitgħażżnu, jgħixu bla interess u ma jafux x'jagħmlu bihom infushom. Inkoraġġewhom jindaħlu fis-soċjetajiet biex ikollhom sehem attiv biex jgħinhom fil-personalita' tagħhom.

Naturalment l-ebda sistema ma tista' tgħid li sa tolqot kollox. B'din il-mentalita' ta' bini ta' personalita', fejn it-tifla bdiet issir taf il-pjanu, tinteressa ruħha fiż-żfin, tilgħab in-*netball*, tmur għall-*badminton*, issib il-ħin għas-*swimming pool*u għall-*gymnasium* bdiet issibha diffiċli biex tgħin fil-familja, tagħti daqqa t'id lil ommha. Meta żżewġet ħassitha aktar issikkata biex iżżomm id-dar u ratha impossibbli li jkollha tfal daqs ommha, li forsi kellha aktar minn tlieta. Ma setgħetx, anke kieku riedet taħseb għall-familja kbira, bħal ma konna nafu. Il-progress mexxa kollox biex il-familja tkun żgħlra avolja jkollha spazju ta' villa u d-dħul ikun jagħmel tajjeb għal waħda kbira. It-trobbija ta' l-ulied titlob ħafna affarijiet u fost kollox ixxekkel ħafna il-liberta' tal-koppja. L-ommijiet tal-familji l-kbar ma jistax ikun li ma batewx fit-trobbija tat-tfal. Igur li ingħataw għall-familja fl-aħjar żmien u fil-parti kbira ta' ħajjithom. Sa l-aħħar tas-seklu, ftit familji kont issibhom b'aktar minn tliet ulied.

Għalkemm bħal instab mod kif il-mara ma tkunx mgħobbija b'ħafna wlied, b'daqshekk ma jfissirx li issa qiegħda fil-ġenna ta' l-art. Mistenni verament li sa jkollha iktar ħin għaliha iktar minn ommha li laħaq kellha sebgħa u tmienja. Mistenni wkoll li sa tkun iktar kwieta, tlaħħaq max-xogħol tad-dar u mal-prattika tar-reliġjon u tieħu ħsieb iż-żewġ uliedha. Iżda l-fatti juru mod ieħor f'ħafna każi. Teżisti ħafna tensjoni, jeżisti ħafna lussu li għalih ir-raġel u l-mara jkollhom jitħabtu ħafna għalih, jeżistu konflitti ta' kull għamla minħabba ambizzjonijiet, u allaħares tmur xi ħaġa żmerċ. Iż-żewġ ulied isibuha diffiċli biex jiftehmu m'ommhom dwar ħbiebhom, il-postijiet li jiffrekwentaw, id-dewmien barra esaġerat, l-għażla ta' l-għarusa ġa b'xi vizzju, in-nuqqas ta' xi forma ta' ubbidjenza, ir-relazzjoni ma' barranin b'kulturi totalment differenti minn tagħna f'kull aspett. Huwa minnu li din l-għamla

ta' nkwiet mhix ta' llum biss iżda ħadd ma jmerih li laħaq proporzjon għoli ħafna minħabba li l-arja tant tjiebet għal uġigħ ta' ras bħal dan. Fil-lingwa tagħna saru jissemmew is-*social workers*, u s-saċeredoti li jiġu mistiedna jindaħlu biex ikun hemm aktar ftehim fejn ikun hemm irjus iebsa sejrin f'toroq opposti.

Qabel, il-mara fir-raħal ta' l-ewwel ħamsin sena tas-seklu, kienet tkun immarkata b'ċerta modestja. Tilbes bla ma tikxef l-ispalla u dublett jew libsa tasal s'isfel minn irkobbtejha. Dawk li għandhom 'l fuq minn disgħin sena jiftakruhom jilbsu maktur f'rashom għax il-kappillan iħarsilhom bl-ikrah. Vanituża xagħrha jperper mar-riħ. Imnalla li s-sinjorini Ingliżi iktar 'il quddiem libsu l-maktur tal-ħarir biex iħarsu lil xuxithom mix-xemx qalila li għandna biex ma narawhiex kerha dik l-insistenza kollha fuq il-maktur. Ma nafx kif kienu jsibu tarf imbagħad jgħumu. Riedu jgħumu iżda kienu jisthu jidhru bi ftit ilbies. Kienu jħossu wisq responsabbilta' li jidhru b'malja għax malji kien hawn u ma kinux sfaċċati. Ta' l-irġiel kienet qisha libsa tan-nisa li jilbsu llum fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. In-nisa kienu aktarx iħitu waħda huma u meta kienu jintefgħu l-baħar, din il-libsa kienet timtela bl-arja li kapaċi żżomm mara ta' volum fil-wiċċ. Ma kinux imorru f'wiċċ kulħadd. U kienu jinżlu ċ-Ċagħkija x'ħin mar kulħadd, f'inżul ix-xemx jew f'tal-Ġrieden għax hemm ma kien ikun hemm ħadd. X'differenza fl-aħħar tas-seklu b'modi li jridu jesponu u għawm li jrid juri iktar il-modi milli s-sabiħ tiegħu. Tiskanta kif il-kummerċ jidbel daqshekk il-valuri f'moħħ il-bniedem, ilibbsek li jrid, ineħħi l-mistħija li kienet qawwija u jġib l-esaġerazzjoni. Fis-sittinijiet fl-Għadira l-pulizija kienet qiegħda żżomm nies milli jaqsmu t-triq bil-*bikini*. Illum jitilgħu fil-karozzi tal-linja u jidħlu fil-ħwienet b'dawn il-malji t-turisti.

Il-mara Mellieħija sar għandha iktar ħin biex tiddeverti jew biex tużah. Fil-passat kellha ħafna aktar x'iżżommha u kellha wkoll xogħol ta' strapazz. Nhar ta' Tnejn ħasil ta' ħwejjeġ, it-Tlieta taħsel tat-tgħolija. Il-ħasil fil-banjijiet bis-soder u sapun fil-bitħa, b'xi tifel żgħir jitkaxkar fl-art jilgħab bi ftit ilma ġo fliskatur. Il-bojod, għerka sapun taċ-ċavetta, għal ġol-gardarun taż-żinku biex imbagħad jitgħallew fuq il-ħatab. Meta l-kbar kienu jiġu mill-iskola f'nofs in-nhar malajr taralhom għonqhom maħmuġ u bix-xugaman maħsul malajr iġġibulhom ileqq. Kien jibqa' aħmar bl-għerik sa siegħa wara, dan għonqhom. Kmamar tal-banju ma kinux jeżistu iżda l-ommijiet ma kinux iridu li l-għalliema jgħidulhom li t-tifel qiegħed ikun maħmuġ. Kull nhar ta' Sibt kulħadd kien irid jieħu banju. Fejn kien hemm familji kbar, xi ħadd kien jiżgiċċa u l-omm kienet tieħu kemm-il battikata anke biex taqbad xi wieħed mill-iskumelli li kien ikollha. Il-kmamar tal-banju li ġew fil-ħamsinijiet kienu barka għall-ommijiet u għall-familja kollha. Ma kienet issir l-ebda suntina u t-tfal bdew jaraw il-ħasil bħala ħaġa ta' pjaċir bil-misħun u l-kumditajiet kollha. L-omm ħadet ir-ruħ. Dan il-misħun fl-istanjati u l-galdaruni ġie li ħoloq inċidenti. Ġie li nstamtu tfal u kbar.

Id-djar bdew jinbidlu. L-elettriku ġie fl-1947 u d-drenaġġ kellu jistenna sal-1957 biex jibda jħammeġ il-baħar. Bil-mezzi dejjem jitjiebu, bil-flus fl-idejn, fil-moħħ daħal il-ħsieb tal-kumdita'. In-nies bdiet taħseb kif tista' ttejjeb ħajjitha. Kien hemm dak il-moħħ li jaħseb li fejn m'hemmx tbatija ma jkunx sar xogħol sewwa u li bħal m'hemmx toroq li jiffrankaw it-tbatija. It-tgergir tal-mara kien donnu jaqa' f'widnejn torox. Iżda wasal iż-żmien fejn bdew jitfaċċaw nies li jafu jivvintaw, ipoġġu madum mal-ħajt, jagħmlu xogħol ta' pajpijiet, idaħħlu l-elettriku, iwaqqgħu u jibnu fi spazji li ma kontx toħlom. Id-djar bdew jinbidlu. La baqa' karettuni, la ħmir u lanqas annimali. Il-mara b'din il-kumdita' ħassitha ħafna aħjar. L-ispiritiera tal-istim li ġie li li daħħnitilha kull m'hemm, u dik l-ispiritiera ta' bi tlieta li biex taqli l-patata riedet strappata issa tefgħethom 'il barra u daħħlet il-gass jew l-elettriku u jibqa' kollox nadif wara li tkun sajret ħasi ta' nofs wiżna.

Sinjal li wieħed josserva fil-mara biex jara kemm inbidel ix-xogħol tagħha huwa l-użu tal-fardal. Għadek tara mara bil-fardal illum! Sas-sittinijiet l-ommijiet kienu jħobbu jirċievu xi fardal sabiħ mingħand nieshom fl-Awstralja. Kien ikun bil-frilli u kollu kuluri. Lil ommi kont naraha gustuża ħafna b'wieħed minn dawn u ħija bagħat ritratt tagħha liebsa waħda liz-zija li kienet bagħtitulha. Kienet qagħdet wieqfa biex il-fardal jiġi spjegat għax min jaf iz-zija kemm damet biex għażlitilha wieħed li jixirqilha u għal gosti tagħha. Dawn tas-safar ikunu jridu juru qalbhom meta jiġu biex jibagħtu xi rigal. Ommi kienet tużah meta konna niltaqgħu biex nieklu flimkien għax kienet issajjar hi u riedet turi li kienet il-koka. Ma kenitx timsaħ idejha fih, fardal bħal dak ġej mill-Awstralja!

Intant dan il-fardal kienu jilbsuh biex lil-libsa ma jċappsuhiex meta jkunu jagħmlu l-faċendi, jaħslu l-platti f'xi lembija, jaħslu l-ħwejjeġ fil-banjijiet, jaħslu t-tfal, jagħmlu s-saqqijiet tat-tiben, jidħlu qalb l-annimali biex jiġbru l-bajd, jaqbdu xi fenek jew xi serduk, jeħilbu l-mogħoż u n-nagħaġ. Il-fardal kien iservihom tajjeb. Jitħammeġ hu biss u meta tkun trid terħi minn idejha dak li tkun qiegħda tagħmel, kemm taħsel idejha, tixxotta fil-fardal u toħroġ barra nadifa. Ix-xogħol tad-dar jitlob l-iskariġġ u hu ta' varjeta' kbira. Il-fardal kien komdu barra li kien juri li l-mara tkun imħabbta. Illum ma baqax nisa bil-fardal għax ix-xogħol fid-dar inbidel b'mod li dak ix-xogħol li jħammeġ spiċċa. Il-magna tal-ħasil taħsel il-ħwejjeġ biss u mhux lil min ikun jaħsel. Fil-kċina ma jsirx titjir ta' ilma u dak ix-xaħam u ż-żejt li jtebba' bil-kemm għadna nużawh. Ma' l-annimali m'għadhiex tissielet u ddaħħlilhom in-nuħħala u xxerdilhom il-qaraboċċ. Kemm inbidlet il-ħajja tal-mara. M'għadhiex togħrok l-għetiebi u ċ-ċangatura bil-broxk għarkobbtejha. L-irkobbtejn jibżgħu għalihom għax juġgħu u jidhru sbieħ jekk ma jitkagħbrux.

Iżda l-fardal kellu funzjoni oħra li ż-żmien ukoll ġab fix-xejn. Dari kien hawn l-għaks u ħadd ma jkun irid juri li sab xi mezz kif dan l-għaks isib irkaptu tiegħu. Għajn ma tara għajn ma tuġa'. Hemm l-għira li n-nies tikkalkula kif jista' jinħoloq fil-moħħ. Il-fardal għalhekk kien jaqdiha lil dik il-mara li riedet tieħu nofs tużżana bajd għand tal-ħanut biex flokhom iġġib erba' għaġiniet x'titfa' fil-minestra. Meta xtrat kwart laħam għall-brodu, wara l-quddiesa, u milwa zalzett ma riditx dejjem turi li qiegħda ssajjar il-laħam. Taħt il-fardal sewwa! Għax kien hemm min m'għandux għaxja ta' lejla, ġie li smajt lil ommi tgħid.

Il-fardal jimmarka wkoll ħaġa oħra. Qabel kien hawn aktar ħsieb biex il-ħaġa sservi. L-ilbies, in-nisa kienu jibżgħu għalih. Il-fardal kien iħallilhom il-libsa nadifa bla ebda periklu li jqattgħuha ma' xi grampun jew musmar li kien ikun hemm fil-gallinar jew stalel. Illum il-libsa ma jriduhiex isservi wisq għax toħroġ il-moda tagħha. Drappijiet ma jispiċċaw qatt, ma jitfux fil-kulur, jistgħu jinħaslu, jinżammu qishom ġodda iżda xorta jarmuhom jew ma jibqgħux jilbsuhom. Donnhom ma jikkuppawx għax iċappsuhom u jħammġuhom. Ikollhom skuża biex jagħmlu l-wisa' fil-gwardarobba. U allura ma tarax li mhux sa jilbsu l-fardal! Tistagħġeb kif jitwarrbu l-affarijiet! U ngħiduha kif jiftħu daqshekk ħwienet tal-ħwejjeġ meta kulħadd qiegħed jilbes iż-żigarelli u l-lazzijiet.

Bil-fardal komplejna naraw kemm ix-xogħol ħfief għall-mara u hekk hemm aktar ħin li hi tista' tuża. Waqt it-trobbija tat-tfal jibqa' ħafna xogħol u bit-tfal l-iskola, l-omm li issa għandha dik l-iskola sekondarja dejjem tista' tgħin ħafna biex jilħqu livelli tajba. Kapijiet ta' l-iskola li servew fil-Mellieħa u f'lokalitajiet oħra, osservaw li fl-iskola tal-Mellieħa kien ikun hawn imħuħ tajba daqs ta' skejjel oħra imsemmija iżda kienu nieqsa mill-għajnuna min-naħa tal-ġenituri. Illum jidher li l-ġenituri saru jafu jgħinu lil uliedhom ħafna aktar. Il-problema issa hija li l-ġenituri ma jsibux ħin jgħinu billi qegħdi joħorġu jaħdmu. Bl-opportunitajiet dejjem jikbru, il-ġenituri jarawhom moħlija d-dar. Il-mara taħdem u trid tagħmel ix-xogħol tad-dar qiegħda terfa' ħafna piż. Fejn m'hemmx dak il-ftehim reċiproku bejn il-koppja, hemm it-tensjoni b'konsegwenzi. Iżda l-arloġġ ma treġġgħux lura.